MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2009

Citazzjoni Numru. 451/2008

**A B C**

**-vs-**

**D B**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors guramentat ta' A B C fejn din ppremettiet:

Illi l-attrici u l-konvenut D B izzewgu fid-29 ta' Awissu 2008, fir-registru pubbliku ta' Malta kif jirrizulta mic-certifikat hawn anness u mmarkat bhala Dok "A";

Illi l-kunsens ta' l-attrici ghaz-zwieg imsemmi inkiseb b'qerq dwar kwalita' tal-konvenut li mix-xorta taghha fixklet serjament il-hajja mizzewga kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi l-kunsens tal-konvenut ghaz-zwieg imsemmi kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tieghu li, kif ukoll kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, ghamlitha impossibbli ghall-istess konvenut li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Illi l-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

Illi ghalhekk iz-zwieg bejn il-partijiet kien null u invalidu fil-ligi;

Illi l-esponenti taf personalment bil-fatti kollha dikjarati u debitament enumerati;

Ghaldaqstant jghid il-konvenut ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg bejn il-kontendenti iccelebrat fid-29 ta' Awissu 2008 fir-registru pubbliku ta' Malta kien null u invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u dan ai termini ta' l-Artikolu 19 (1) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta b'mod generali, u b'mod specifiku a tenur tal-provvedimenti tal-paragrafi (a), (b), (c), (d) u (f) ta' l-istess Artikolu 19 (1) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta, u ghalhekk tordna li ssir l-annotazzjoni fl-Att taz-Zwieg relattiv.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li jibqa' minn issa ngunt ghas-subizzjoni tieghu.

Rat li ghalkemm debitament notifikat, l-intimat D B ma pprezenta ebda twegiba.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

F'din il-kawza r-rikorrenti qed titlob dikjarazzjoni ta' nullita' taz-zwieg taghha ma' D B. Dan qed taghmlu a bazi tal-paragrafi (a), (b), (c), (d) u (f) tal-Art 19 (1) tal-Kap 255.

Il-Qorti tibda biex taghmel xi osservazzjonijiet:

Kif kellhom diversi okkazzjonijiet jirribadixxu dawn il-Qrati, fil-materja ta’ nullita’ ta’ zwieg, ma jistax ikun hemm sitwazzjoni fejn, fin-nuqqas ta’ oppozizzjoni, Qorti taccetta bla stharrig dak li tiddikjara parti wahda. Dan jghodd kemm f’sitwazzjoni ta’ kontumacja formali kif ukoll ta’ dikjarazzjoni ta’ qbil kontenuta f’risposta guramentata ghall-kawza.

Ara f’dan is-sens Angele Spiteri xebba Selvaggi vs Joseph Spiteri (4 ta’ Novembru 1994) u Carmel sive’ Charles Camilleri vs Teresa Camilleri (3 ta’ Ottubru 1995).

Il-Qorti tosserva ukoll li, f’din il-kawza, ghalkemm qed tintalab dikjarazzjoni ta’ nullita’ ta’ zwieg abbazi ta’ tlett ragunijiet senjatament qerq, difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju kif ukoll eskluzzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, hemm karenza konsiderevoli ta’ xhieda. Kull ma ngabu bhala provi f’din il-kawza kienu l-affidavit tal-partijiet innifishom, it-tnejn ta’ mhux aktar minn zewg pagni.

Miz-zewg affidavit prodotti jirrizulta illi l-partijiet izzewgu biss tlett xhur wara li kienu ltaqghu. Ir-rikorrenti dak iz-zmien kellha sbatax-il sena filwaqt li l-intimat kien tmienja u ghoxrin sena akbar. Ir-rikorrenti f’dan iz-zmien kienet gja omm ta’ tarbija ta’ aktar minn sena, u, il-Qorti hawn tistghageb kif dan il-fatt hareg biss mill-affidavit tal-intimat meta fattur ta’ din is-serjeta’ ghandu portata daqstant importanti fuq il-hajja ta’ tfajla.

Ir-rikorrenti tikkonferma li l-intimat kien ghaliha ta’ wens. Hu kien insista fuq zwieg mal-ewwel u fil-fatt huma effettivament izzewgu tlett xhur wara li ltaqghu. Il-Qorti tinnota ukoll li relazzjonijiet intimi bejn il-partijiet bdew malli bdew johorgu flimkien. Fil-fehma ta’ din il-Qorti dan il-fatt ukoll jixhed illi r-relazzjoni bejn it-tnejn ma hadet ebda pass meqjus izda kienet wahda mghaggla.

Fil-fatt l-intimat jixhed hekk:

“Hija kienet qaltli wkoll biex immur noqghod ghandhom id-dar. Dak iz-zmien konna ‘close’ ta’ xulxin, konna qisna *girlfriend* u *boyfriend*, pero’ ma konniex nohorgu flimkien bhal koppji ohra, u fil-fatt konna niltaqghu biss fuq ix-xoghol, nerga’ nghid waqt il-hin tal-*break*. Darba biss hrigna flimkien. Nippreciza illi f’din id-darba li hrigna flimkien, ma hrigniex wahedna, izda ma’ hbieb ohrajn u morna Paceville.”

Kien dan ix-xenarju wara dan iz-zwieg, xenarju wisq boghod mill-aspirazzjoni ghall-komunjoni ta’ hajja u mhabba li essenzjalment huwa z-zwieg. Ghalkemm il-provi prodotti f’din il-kawza huma ftit, in-natura taghhom hija tali li tissodisfa lil din il-Qorti li fil-mument taz-zwieg, il-kunsens taz-zewg partijiet kien vizzjat tali li valutazzjoni shiha, mahsuba u libera dwar iz-zwieg u d-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tieghu ma kienitx possibbli.

**Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi:**

Tiddikjara illi z-zwieg kontrattat fid-29 ta’ Awissu 2008 huwa null u bla effett. Il-Qorti tordna li ssir annotazzjoni relattiva fl-Att taz-Zwieg Nru. *omissis*.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-attrici.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------